

### **Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annnullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent stabbilit għas-sena 2012.

### **Talbiet tar-rikorrent**

- jannulla d-deċiżjoni kkontestata li biha ARTEMIS ċaħdet it-talba tar-rikorrent u annullat l-att ikkонтestat adottat fil-15 ta' Novembru 2013 mill-evalwatur ta' appell dwar ir-rifjut motivat tar-rikorrent li jaċċetta l-kontenut tar-rapport ta' evalwazzjoni għas-sena 2012;
  - jikkundanna lil Imprija Konġunta ECSEL għall-ispejjeż.
- 

### **Rikors ippreżentat fl-1 ta' Settembru 2014 – ZZ vs Il-Kunsill**

(Kawża F-87/14)

(2014/C 431/78)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### **Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annnullament tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar ir-imbors tal-ispejjeż ta' kura medika fi sptar tar-rikorrenti u l-kundanna tal-Kunsill, minn naħa, għall-ħlas tal-interessi moratorji kumpensatorji, u, min-naħa l-oħra, għall-ħlas ta' kumpens għad-danni morali allegatament subiti.

### **Talbiet tar-rikorrenti**

- jannulla parżjalment id-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju responsabbi għall-ħlasijiet ta' Brussell, hekk kif jirriżultaw mill-kont dettaljat Nru 55 tas-27 ta' Settembru 2013, dwar it-talba tat-12 ta' Lulju 2012 għar-imbors tal-ispejjeż ta' kura medika fi sptar tar-rikorrenti;
  - jiddikjara nulli l-ittri tad-19 ta' Novembru 2013 tal-Kap tal-Uffiċċju responsabbi għall-ħlasijiet li jirrigwardaw ir-riżultat mhux favorevoli ta' allegata talba għal awtorizzazzjoni bil-quddiem tat-12 ta' Lulju 2012, jew sussidjarjament, jannullhom;
  - jannulla, sa fejn hemm bżonn, id-deċiżjoni tal-Awtorită tal-Ħatra tat-22 ta' Mejju 2014 li tiċħad l-ilmenti mressqa mir-rikorrenti fis-27 ta' Diċembru 2013 u fit-18 ta' Frar 2014;
  - jikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tal-interessi moratorji u kumpensatorji mid-data li fiha kienu dovuti s-somom mitluba, kif ukoll għall-kumpens għad-danni morali subiti mir-rikorrenti;
  - tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.
-